MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 241/2003

**Christopher Falzon**

**vs**

**British American Insurance Company (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur is-somma ta' elfejn disa' mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu, (LM2978.57,0), bhala beneficcji dovuti lilu ghall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Novembru tas-sena 2000 u l-20 ta' Jannar tas-sena 2002 a tenur ta' polza ta'

assikurazzjoni ‘personal accident’ numru 10788 mahruga mis-socjeta’ British American Insurance Company (Mtius) Limited a favur tal-attur;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-4 ta’ April, 2003 u bl-imghax legali mill-4 ta’ April tas-sena 2003 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-13 ta’ Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta’ kovnenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi, ai termini tal-kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni, l-attur ghandu dritt jippretendi hlas ghal kull gimgha li kien kontinwament disabilitat u u prekluz milli jmur ghax-xoghol – ara Kondizzjoni “B” tal-“Benefit Provisions” tal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni. L-indicent li ta lok ghal pretensjoni attrici assuccieda f’Marzu tas-sena 2000 u l-attur thallas ghal tmien xhur shah. Minn Novembru 2000 ‘l quddiem l-attur seta’ facilment jirritorna u jattendi ghax-xoghol skond certifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent mediku tas-socjeta’ konvenuta u kwindi l-attur ma setax u ma jistax jibqa’ jippretendi kumpens mill-assigurazzjoni tieghu, (is-socjeta’ konvenuta), taht il-polza, u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-25 ta' Jannar tas-sena 2000 l-attur kien xtara polza assikurattiva mill-"British American Insurance Company (Mtis) Limited", illum il-"British American Insurance Company (Malta) Limited", ghall-prezz ta' tnejn u sebghin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu, (LM72.49,0);

2. Illi din il-polza kienet operattiva sa l-24 ta' Jannar tas-sena 2001;

3. Illi fil-perjodu meritu ta' din il-procedura l-attur kien impjegat mas-socjeta' Strand Palace Agencies Limited;

4. Illi meta ghall-habta tal-11:15a.m. tat-28 ta' Marzu tas-sena 2000 l-attur kien sejjer bil-karozza tieghu biex jiddepozita xi flus tas-socjeta' li maghha kien impjegat, hargu tlett (3) persuni mghammda b'balaklava u armati bi snieter tal-kacca u b'hafna ghajjat u tisbit ta' snieter mal-vettura tieghu ordnawlu jtihom il-flus li kellu;

5. Illi f'attentat biex jahrab mill-agressuri tieghu l-attur irriversja izda wiehed mill-assalituri tieghu spara u l-attur intlaqat f'idu x-xellugija, spalltu tax-xellug, f'ghaonqu, f'sidru u f'wiccu;

6. Illi nonostante dan, l-istess malvivent rega' spara t-tieni tir u din id-darba inkiser ukoll il-"windscreen" tal-vettura misjuqa mill-attur;

7. Illi gie wkoll sparat it-tielet tir li laqat il-faccata ta' dar fil-vicin;

8. Illi l-attur irnexxielu jirritorna l-ufficcju tieghu fejn wara li ghajjat ghall-ghajjut inghata l-ewwel ghajnuna, gew il-pulizija u ttiehed l-isptar fejn gie operat;

9. Illi in effetti l-attur kien sottopost ghal diversi operazzjonijiet;

10. Illi meta wara li f'diversi okkazjonijiet l-attur kien jigi ezaminat minn bord mediku ai fini ta' sigurta' socjali, f'dak konklussiv datat it-23 ta' Jannar tas-sena 2002 meta l-attur kien deher ghall-ahhar darba quddiem dan il-bord mediku dipartimentali, dan ikkonkluda li l-grad ta' dizabilita' sofferta mill-istess attur kien f'livell ta' 23%, (ara fol 52);

11. Illi wara dan l-incident jirrizulta li l-attur ma kienx f'pozizzjoni, anke mentalment, li jirritorna ghax-xoghol, (ara fol 54 u 75);

12. Illi sussegwentement, anke l-impjieg tal-attur kien terminat bhala rizultat ta' l-akkadut;

13. Illi fil-perjodu indikat fl-avviz l-attur kien regolarment ezaminat minn bord mediku rapprezentanti d-dipartiment tas-sigurta' socjali;

14. Illi meta pero gie ezaminat minn rapprezentant mediku imqabbad mis-socjeta' konvenuta, (ara fol 136), dan fir-rapport tieghu ikkonkluda li:

" … l-attur seta' kien ikun kapaci isostni "job" wara skrivanija ghaliex minn informazzjoni li tani x-xoghol tieghu kien proprju hekk peress illi d-definizzjoni hu ta' "desk clerk", " (ara fol 130);

15. Illi a bazi ta' din il-konkluzjoni s-socjeta' konvenuta, taghmel referenza ghal dik il-parti tal-polza assikurattiva ntestata "Benefit Pensions", ghall-parti indikata "B" tal-assikurazzjoni in dizamina, u tissottolinea li hi tenuta biss taghmel tajjeb ghall-obbligi assunti kemm –il darba l-persuna assikurata tkun dizabbli b'mod kontinwu u mcahhda milli tkun ingaggata f'xoghol produttiv bhala effett dirett tal-feriti inkorsi, senjatament:

" The Company will pay the Sum Assured specified in Section 6.B of the schedule for each week that the Insured is continuously disabled and prevented from engaging in any occupation as a direct result of Accidental

Bodily Injuries providing disablement within 30 days of such injury",”(ara fol 13);

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni assunta mis-socjeta’ konvenuta tirrizulta li hi bbazata unikament fuq konkluzjoni kwazi superficjali li wasal ghaliha b’mod indirett u mhux debitament analizzat u assodat, persuna mhallsa mill-istess asskurazzjoni fejn l-interess tieghu ghandu jkun ovvju li hu dak li jgib l-interessi ta’ min qed jalimentah;

Illi in oltre, l-proficjenza xejntifika li dan l-espert wera fil-konkluzjoni tieghu fuq iprodotta mhix dik li hi ddeterminata mill-istudji xjentifici tieghu u ma jirrizultax li tali konkluzjoni hi wahda li mhix soggettiva ghalih;

Illi li  jirrikjedi l-paragrafu pre-citat ta’ l-assikurazzjoni de quo hu li l-konkluzjoni hemm indikata trid tkun wahda oggettiva – haga li l-konkluzjoni tal-persuna mqabbda mis-socjeta’ konvenuta ma tassigurax;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in dizamina kien ikun ferm ghaqli ghas-socjeta’ konvenuta li tinvolvi xi espert psikjatra jew psikologu jew it-tnejn, biex b’hekk tkun tista’ tifforma konkluzjoni oggettiva, haga li ma tirrizultax li ghamlet;

Illi in vista tal-premess din il-qorti hi konvinta li l-attur mexa strettament fit-temini ta’ l-obbligi minnu assunti fil-polza ta’ assikurazzjoni in dizamina u in oltre tirrifjuta li tavalla konkluzjoni soggettiva ta’ persuna li mhix kompetenti li tasal ghall-konkluzjonijiet li huma lil hemm mill-gherf xjentifiku li tippossjedi;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta “British American Insurance Company (Malta) Limited” biex ihallas lill-konvenut l-ammont ta’ elfejn disa’ mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u seba’ u hamsin centezmu,

(LM2,978.57,0), bhala beneficcju dovuti lilu ghall-perjodu bejn id-29 ta’ Novembru tas-sena 2000 u l-20 ta’ Jannar tas-sena 2002 a bazi tal-polza ta’ l-assikurazzjoni numru 10788 mahruga mis-socjeta’ konvenuta gia’ maghrufa bhala “British American Insurance Company (Mtius) Limited”, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------